**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 268 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Kirsten Falzon**

Illum 29 ta' Settembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Kirsten Falzon detentur tal-karta tal-identita' numru 370490 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar it-8 t'Awwissu għall-ħabta ta' 23:45 hrs ġewwa 'South Comino Channel' fil-vicinanzi ta' l-Armier limiti tal-Mellieħa;

1. Ingurja u/jew hedded lil AFM Warrant Officer 2 Sandro Mizzi u lil AFM Gunner Shemizen Borg persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kien għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżża jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz.
2. U aktar talli bħala uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku għamel reat li kellu d-dmir li jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsir.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-1 ta' Gunju, 2022, fejn il-Qorti wara li rat artikolu 95 u 141 tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat lill-imputat Kirsten Falzon hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u ai termini tal artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti fissret fi kliem car lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reati ieħor fi żmien tliet (3) snin mil-lum.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Kirsten Falzon minnu pprezentat fl-20 ta' Gunju, 2022, fejn talab lil din il- joghgobha **THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata** fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dan billi **TIDDIKJARAH** mhux hati taghhom u konsegwentement **TILLIBERAH** minnhom.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Ligi Applikabbli**

Illi l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament u interpretazzjoni hazina tal-provi migjuba quddiemha u tal-Ligi applikabbli, meta sabitu hati li huwa inurja u/jew hedded lil AFM Warrant Officer Sandro Mizzi u

lil AFM Gunner Shemizen Borg, persuni nkargiati skond il-ligi, minn servizz pubbliku waqt li kienu qehdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz. Dan qed jinghad peress illi l-appellanti jhoss illi l-kliem illi huwa qal lil Kollegi tieghu meta dawn waqqfuh, bl-ebda mod ma kien jammonta ghal ingurja jew theddida, izda biss espressjoni ta' frustrazzjoni, wara li dawn ma agixxewx sew mieghu waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Illi filfatt il-kliem li uza l-appellant kien biss li kien bi hsiebu jirrapurtahom lis-Superjuri taghhom u cioe lil Kap Kmandant tal-bazi, wara li dawn ma mxewx kif suppost mieghu, kemm meta gelghuh jwaqqaf id-dghajsa u kellu l-missieru ezatt warajh b'dghajsa ohra, u b'hekk seta facilment jigi kkawzat incident, u kemm meta dawn xeghlu d-dawl f'wiccu.

Illi ghalhekk, fl-umli fehma tal-appellant, il-kliem tieghu ma jista qatt jammonta ghall theddida jew inurja intiza biex tinfluwixxi fuq il-kollei tieghu, u filfatt huwa propju fuq dan il-punt illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha, u kif ukoll tal-ligi applikabbli.

Illi *di piu,* wiehed ma jridtx jiskarta l-fatt ukoll illi l-appellanti fl-ahhar minn l-ahhar kien qed jitkellem u jindirizza lil shabu stess, kollegi tieghu, allura aktar u aktar huwa car u evidenti illi huwa qatt ma ried jinfluwixxihom fil-qadi ta' dmirijithom. *Di piu,* skond il-gurisprudenza taghna, dejjem gie retunut illi meta persuna jhedded li ser jiehu passi kontra xi had, dik ma ghandhiex l-effett ta' theddida.

Illi finalment jigi sottomes ukoll illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati, jirrizultaw, u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna

234, Edizione 1890:- *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha beyond a reasonable doubt, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il- Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Settembru 2022.

Rat il-fedina penali aggornata tal-akkuzat appellant.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jikkonferma l-fatt li l-ewwl Qorti allegatament ghamlet apprezzament hazin tal-fatti prodotti u tal-ligi applikabbli.

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> *Kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet*

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

*ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għallkonklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-

Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

Il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu
428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

Illi din il-Qorti kellha taghmel apprezzament tal-fatti ikollha prodotti fil-proces u tezamina dak kollu li qal kul xhud fid-deposizjoni teighu quddiem il-orti biex tkun f'posizzjoni li tgharaf jekk l-ewwql Qorti ghamlitx apprezzament zbaljat tal provi prodotti u tal-ligi applikabbli.

**Ikkunsidrat:**

Rat l-affidavit ta' **PS 1462 J. Attard** fejn stqarr li nhar id-9 ta' Awwissu, 2021 waqt li huwa kien xoghol l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra marru l-kwerelanti Shemizan Borg fil-kariga ta' AFM gunner flimkien ma Sandro Mizzi fil-kariga ta' AFM Warrant Officer 2 (kaptan tal-Patrol Boat P23) fejn stqarrew li nhar it-8 ta' Awwissu, 2021 kienu duty fuq il-patrol boat P23 u ghall-habta ta' 23.45 p.m kienu fl-inhawi tas-South Comino Channel fil-vicinanzi ta' l-Armier u nnutaw fuq ir-radar li kien hemm oggett miexi fil-bahar pero vizibilment ma kienx jidher.

Sandro stqarr li ghalhekk xeghlu s-*search light* biex jikkonfermaw l-oggett x'kien fejn innutaw li kien dinghy abjad u kellu n-navigation lights mitfijin. Sandro kompla jistqarr li meta xeghlu s-*search light* fuq id-dinghy, n-*navigation light* inxteghlu u regghu intfew u d-dinghy bdiet tavvicina l-patrol boat u meta wasal hdejhom reggha xeghel in-*navigation lights*. Bazikament, il-persuna li kien fuq id-dinghy beda jitfi u jixghel in-*navigation lights*. Id-dinghy kellu numru tar-registrazzjoni S23640.

Il-kwerelanti komplew jistqarrew li meta avvicinhom hdejn il-*patrol boat*, il-persuna relatat beda jidghi u joffendihom f'wicchom b'Alla u bil-Madonna u

qalilhom li ma xaghlhomx ghax itelfuh milli jara. Qalilhom li ghandu l-under watr lights mixghulin u sjont hu kien bizzejjed beix jarawh.

Sandro stqarr li spejgalu ghal diversi drabi li fil-bahar hemm bzonn in-navigation lights u minghajrhom ipoggi lilu innifsu u lil haddiehor fil-perikolu. Fil-fatt Sandro stqarr li kien impossibli li minn quddiem tad-dinghy tara l-underwater light peress li kien fuq il-poppa u minn quddiem ma kien jidher xejn.

Il-kwerelanti stqarrew ukoll li l0persuna relatata qalilhom li ser jirraporthom lis sur Scicluna li hu is CEO  (Commanding Officer tal maritime Squadron). Sandro stqarr li l-persuna relatata kompla jitkellem hazin maghhom u f'hin minnhom beda jirrezja il-mutur u saq ftit metri l-boghod u rega mar lura lejn il-patrol boat u kompla bl-istess xenati. Imbaghad gie dinghy iehor u bdew ikelmuh hu kompla jghajjat imbaghad telaq minn fuq il-post.

Sandro flimkien ma Shemizen u Clyde Mizzi (Lance Bombardier) meta raw il-persuna relatata vicin taghhom kellhom suspett li huwa ufficcjal fil-forzi armati ta' Malta, ghalhekk komplew l-investigazzjoni fuq il-persuna min naha taghhom fejn irrizultalhom li hu certu Kersten Falzon u kkonfermaw ukoll li hu membru tal-Forzi Armati ta' Malta u jahdem ukoll fil- Maritime fuq il Patrol boat 61.

Rigward danl-akkuzat appellant gie mitkellem l-ghassa tal-Qawra biex jaghti l-verzjoni tieghu. Hu nghata d-drittijiet legali tieghu inkluz id-dritt li jikkonsulta ma Avukat fejn irrinunzja dan id-dritt u ffirma dikjarazzjoni u stqarr is-segwenti. Qal li dakinhar bejn il-lejl tat-8 ta' Awwissu 2021 kien qieghed bid-dinghy mal-mara u b'dinghy iehor kien hemm missieru, ommu ohtu u t-tifla tieghu. Kienu hdejn Kemmuna u kienu sejrin direzzjoni lejn il-Qawra. Dak in-nhar kien hemm hafna dlam fuq il-bahar b'konsegwenza t'hekk in-navigational lights kienu qed

itelfuh milli jara peress li jigu eye level kif ukoll kienu itelfu lil missieru li kien warajh. Allura tefa lilhom u xeghel l-underwater lights biex id-dinghy jkun jidher fid-dlam. Kif waslu l-inhawi ta' Kemmuna f'hin minnhom ra dghajsa kbira zamm id-distanza tieghu minnha u baqa' niezel ghall-affari tieghu.

F'daqqa wahda jinxteghel search light qawwi direttament go wicchom fejn hasdu u kellu inaqqas immedjatament u missieru li kien bid-dinghy warajh ma indunax u naqqas peress li d-dawl tas-search light kien dirett go wiccu ukoll. Kif naqsu l-ispeed intefa s-search light u kif rega kien ser isuq u javvicina d-dghajsa biex jara x'kien gara rega xeghel is-search light go ghajnejhom u din il-haga ghamilha tlett darbiet wara xulxin.

Mat-tielet darba resaq lejn il-lanca u gharaf li kienet il-patrol boat P23 ta' l-AFM u gharaf ukoll il-master certu Sandro Mizzi. Huwa hatfu ghax ma ppretendiex li b'negligenza tieghu seta jikkaguna jew kwazi kkaguna incident bejn zewg dinghys u pogga fil-perikolu il-hajja ta'sitta min nies. Dik kienet ir-raguni li hatfu naqra. Hu baqa' jghidlu ghax kien minghajr *navigation lights*. Ipprova jfiehmu li n-*navigation lights* kienu qed itelfuh mhux bhal tal-P23. Spjegalu li xeghel l-*underwater* biex id-dinghy ikun jidher xorta, kif fil-fatt rah hu stess u Sandro baqa' jghidlu li ma jinteressahx.

Ghal din ir-raguni, qallu li ser jirraportah lis CEO tieghu, Etienne Scicluna u qallu biex jghamel hu. Ra li l-istorja ser tibqa' tittawwal u li ser jibqa irrid il-punt tieghu. Min naha tieghu ma kellu xejn iktar x'jghidlu lil Sandro. Jaf li dagha xi wahda u rega ghamilha cara li fl-ebda hin ma hedded lil hadd. Ta' dan ghandu xhieda hames adulti.

**Sandro Mizzi** xehed nhar il-15 ta' Frar 2022 u spjega li jahdem bhala kaptan ta' Patrol boat. Jghid li dakinhar kien patrol ghal erba' sieghat. Kien jum il-Hadd 8

ta' Awwissu 2021. Ghall-habta ta' 11.45p.m kienu allokati fis-south channel ta' Kemmuna u x'hin kienu qeghdin hemmhekk innutaw contact fuq ir-radar tal-lanca li visibilment ma kienx jidher la fuq ir-radar u lanqas di vista. Ir-raguni li ma setgux jarawh kien ghaliex ma kienx hemm in-navigation lights mixghula. Huma xeghlu s-search lights biex jivverifikaw x'kien dan il-contact. Parti minn xoghlhom hu li jaraw xi jkun qed jigri. Xghelu s-search light fuqu u kif xeghlu s-search light indunaw li kien hemm dinghy. Min kien fuq id-dinghy xeghel id-dawl tieghu u rega tfiegh minnufih. Huwa hu mixi hin minnhom oltera l-korsa tieghu u avvicina il-lanca u mar hdejhom. Kien hemm zewg persuni fuqu u l-persuna li kienet qed issuq kien ragel u l-ohra kienet mara. Ir-ragel beda jghamel hafna xenati, hafna ghajjat u hafna dagha. Beda jidghi b'Alla u bil-Madonna ghaliex xeghlu s-search light fuqu. Bdew jghidulu biex ma jidghix u jitkellem bhan nies u wissewh kemm il-darba izda baqa' jidghi. Imbaghad bdew jispjegawlu li jrid ikollu id-dawl mixghul. Baqa' jghidilhom li le u li ma kellhomx ghalfejn jixghelu d-dawl fuqu u li kien ser jirraporthom u li ghada kien ser jinzel il-maritime squad u jghamel ir-rapport lil kap kmandant tal-bazi. Huwa beda jghdilhom li kellu d-dawl fuq wara izda dan kien biex isebbah u mhux navigation lights. Meta d-dghajsa kienet sejra lejhom id-dawl ma dehrx ghax kien fuq wara taht il-mutur.

Spjega li kull qosra hija obbligata li jkollha navigation lights bil-lejl u li jkunu mixghula. Dan baqa' jhedded u jsaqsi min kien il-kaptan tad-dghajsa biex jirraportah. It-theddida kienet li kien ser jirraporthom lis-superjuri taghhom.

Ghall-ewwle ma kienux jafu min kien fuq id-dinghy izda meta kienu iktar vicin ta' xulxin dan baqa' jixxena u izzid il-gas inaqsu, jdur 'l hemm u 'l hawn. Izda meta kien vicin taghhom indunaw li l-persuna kienet suldat fil-bazi marittima stess u suppost li dawn l-affarijiet jafhom daqshom. Ikkonfermaw min kien bin-

numru tad-dghajsa. Wara ftit avvicinhom dinghy iehor u it-tnejn telqu wara ix-xenati.

Mistoqsi jekk jgharafx il-persuna li heddhom jghid li kien l-akkuzat appellant. In kontro-ezami jghid li hu kien bil-patrol boat. Jghid li d-dawl li kellhom kien dak konformi mal-ligi, u cioe masterhead light, stern light portlight u kellha in-numru P23 fuqha biex tindika li hija dghajsa tas-servizz Ghandhom ukoll il-beacon lights bhal fil-kaz tal-karozzi tal-pulizija pero dawn ma jinxteghlux ghal xejn meta jkun hemm bzonn biss. Jghid li l-akkuzat baqa' jinsisti maghhom li ma kellhomx ghalfejn jixghelu d-dawl ghal fuqu. Qal illi d-dghajsa ta' missieru avvicinathom meta beda jizvolgi l-kaz. Huma waqfu lill-akkuzat ghax kien bla dawl u l-akkuzat beda jghid li ma jixghelx id-dawl ghax dan itelfu. Mistoqsi jekk ivverifikax dan il-fatt jghid li dak m''ghandux ghalfejn jghamlu. It-theddid tieghu kien fis-sens li kien ser jirraportah lis-superjur tieghu.

**Shemison Borg** xehed nhar il-15 ta' Frar 2022[4] u spjega li jokkupa l-kariga ta' suldat mal-Forzi Armati ta' Malta. Spjega li nhar it-8 ta' Awwissu, 2021 kienu fil-limiti tas-South Channel ta' Comino ghall-habta ta' 11.45 p.m u raw contact fuq ir-radar li ma setghux jaraw id-dawl tieghu mixghul. Ghalhekk xeghlu s-search light fuq il-contact u raw dinghy abjad, resqu lejh u dan xeghel in-navigation lights u rega tfihom u resaq lejhom. Jghid li kien dinghy abjad b'zewg persuni fuqu ragel u mara. Ir-ragel beda jidghi maghhom u beda jikkomplejnja ghax kellu s-search light f'wiccu. Ippruvaw jikkalmawh u baqa' jkompli jdur mal-lanca u jkompli jidghi maghhom. Ir-ragel ried ikun jaf min hu l-master ta' fuq il-lanca ghaliex ried jirraportah l-bazi. Qal li l-ghada filghodu kien ser jirraportah lis-sur Scicluna li huwa is-CO taghhom. Imbaghad ipprovaw jikkalmawh u ifehmuh dak li kien gara u bdew jispjegawlu li l-*underwater lights* li kellu kienu blu u li ma

[4] Fol. 13 tal-process

kellux in-*navigation lights* mixghula. *Navigation lights* huma bojod u *starboard*. Dan beda jghidilhom li in-*navigation lights* itelfuh mill-vizta u ma jarax. Komplew ifehmuh bis-sitwazzjoni u xorta baqa' jidghi maghhom u jghidilhon li kien ser jirraporthom il-bazi.

Mistoqsi jekk jgharafx lill-akkuzat appellant jghid li jgharfu u li kien ir-ragel fuq id-dinghy. Jghid li jafu ukoll ghaliex ghamel zmien jahdem maghhom il-bazi. X'kien jghamel il-bazi u x'tip ta' xoghol kien jghamel pero ma jafx.

Mistoqsi jekk rax xi dinghy iehor apparti dak ta' l-akkuzat jghid li iva kien hemm dinghy iehor u dan kien naqra imbieghed minn dak ta' l-akkuzat. Qal li d-dinghy l-iehor kellu d-dwal mixghula. Meta waqfu d-dinghy tal-akkuzat id-dingy l-iehor baqa' fiz-zona.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fol 16 redatta minn PS 162 Joseph Attard.

Rat ix-xhieda tal-akkuzat Kersten Falzon moghtija volontarjament nhar it-12 ta' April 2022 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu. Ikkonferma li huwa jokkupa l-kariga ta' suldat fuq il-lanec tal-Forzi Armati ta' Malta u jinsab stazzjonat l-Maritime Squad fuq l-bahar. Spjega li nhar it-8 ta' Awwissu, 2021 huwa kien fil-kumpanija niezel mix-Xlendi. Huwa kien b'dinghy u missieru kien bid-dinghy tieghu warajh. Appena waslu fis-South Channel ta' Kemmuna bhal ma hemm il-fish farm hemm certu perikolu bil-hbula mitluqin. Qal li dakinhar kienet lejl bla qamar bla dawl ta' xejn. Allur kellu jitfi n-navigation lights tieghu biex ikollu iktar control fuq il-light pollution biex ikun jista' jara fis-sewqan tieghu li qieghed isuq safe. Wara ftit li tefa d-dawl huwa hu miexi bl-underlights mixghula biex jidher id-dinghy u warajh kien hemm missieru ghaddej bin-navigation lights mixghula fuq it-trail tieghu. Raw dawl qawwi quddiemhom. Dan kien il-boghod. Naturalment inhasad u ma kienx jaf x'inhu dak id-dawl. Qatgha l-gass. Fil-hin

pront missieru ghal naqra ma dahalx go fih. Jghid li huwa kien ghaddej bi speed u meta tfacca dak id-dawl qawwi f'ghajnejh ma setghx jara iktar u ghalhekk kellu inaqqas il-gass u qatghu *free* litteralment. Teptep id-dawl tieghu xeghel in-*navigation lights* biex jghati indikazzjoni fejn kien qieghed ghax forsi kien xi hadd li ghandu bzonn xi *identification* ta' fejn sejjer. Tefa d-dawl wara li ghajnejh qaghdu ghad-dlam. Gie biex isuq u rega xeghlu d-dawl f'wiccu.

Dak il-hin kien ghadu ma indunax x'lanca kienet u lanqas min kien fuqha. Huwa ra dawl qawwi biss . Din il-bicca grat xi tlett darbiet u haseb li setgha kien hemm xi hadd li kellu bzonn l-ghajnuna. Dawwar il-korsa u saq bid-dritt biex jara x'inhu l-kaz u ghaliex kien qed jinxteghel id-dawl ghal fuqu u sab li kien hemm lanca minn taghhom. Hemmhekk ra wiehed mill-kollegi tieghu Sandro Mizzi u kif ra lil warrant officer qal lil Sandro qallu speci '*hekk tixghelu id-dawl*'. Qallu li ma kienx jinteressah u li hu kien ghaddej bla dawl. Ipprova ifiehmu ghaliex kien ghaddej bla dawl ghax kien hemm il-hbula tal-fish farms li bla dawl xejn ma jidhrux u dan baqa' jinsisti li ma jinteressahx. Qallu li l-ghada kien ser jidhol ghax-xoghol u isib is-CO taghhom u jirraporta dan il-kaz li huwa kien qed jaqbad mieghu u jixghel id-dawl u li poggihom fi perikolu ghaliex kien ser ihabbathom flimkien u minkejja dan qallu li ma jinteressahx.

Jammetti li dak il-hin kien naqra mahruq u forsi anke dagha xi wahda ghal ragun li huma bdew jitkelmu bejniethom ta' kollegi 'Ix-xoghol hija haga komuni li jidghu bejniethom u dan ghaliex huma kollegi bil-kundifenza. Kienu ilhom seba' snin jafu lil xulxin.

Mistoqsi kif heddedihom jghid li kull ma qallhom kien li ser jirraporta l-kaz lil CO u jghidlu li qabad maghhom u beda jixghel id-dawl f'wicchom. Jghid li fl-ebda hin ma offenda lilu jew lil familtu ghalkemm jammetti li setgha dagha f'xi hin. Mistoqsi kemm kien hemm nies fuq il-lanca jghid li kienu tnejn. Ghalkemm

setgha kien hemm ohrajn li kienu rest. Qal li l-lanca setghet xeghlet dawl iehor biex twaqfu u mhux dawl dirett f'wiccu, anke is-sirena kellhom kieku ried iwaqfu. Qal li huwa fl-ebda hin ma waqqaf lil Sandro minn xoghlu. Huwa hass li dakinhar huma poggew lilu u lil familtu fi perikolu minhabba id-dawl qawwi ta' search light.

Illi l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat għandhom bħala rekwiżit essenzjali il-kariga tiegħu bħala uffiċċjal jew impjegat pubbliku stante li l-akkuzat appellant gie akkuzat bir-rat kif dispost fl-artikolu 95 tal-kodici Kriminali u cioe li huwa hedded lil AFM Warrant Officer 2 Sandro Mallia u lil AFM Gunner Shemison Borg persuni inakrigati skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Kif tajjeb ghamlet referenza ghalih l-ewwel Qorti l-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:
92. Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.

Id-distinzjoni bejn is-servizz pubbliku w is-settur pubbliku hi spjegata kif gej:

> *The Public Service consists of ministries and departments of Government. The Public Service is the core of the Government's administrative machinery, but this machinery has other components. These include statutory authorities and agencies, Government foundations, and companies with a Government majority shareholding. These entities are part of the public sector but not the Public Service. The Public Service employs around 30,000 staff while*

*another 20,000 or so staff are employed by entities in the wider public sector.*

*Public Service employees are referred to also as public officers and as Government employees. The latter term reflects the fact that Public Service employees work in ministries and departments, which are integral components of the Government of Malta. By contrast, entities in the wider public sector have their own legal personality which is separate from that of the Government – meaning that while such entities belong to the Government, they are not part of the Government. Accordingly, their employees are not Government employees.*

*The lack of a separate legal personality is not the only characteristic which ministries and departments have in common. They also share the following:*

- *a common pay structure based on 20 salary scales.*
- *a common career structure which enables Public Service employees to move from one ministry or department to another in the course of their careers.*
- *appointments and discipline are governed by the Public Service Commission, an*
  *independent constitutional body which is tasked with ensuring that appointments are*
  *based on merit and that discipline is fair.*

*The boundary between the Public Service and the wider public sector is defined by the presence or absence of these characteristics and does not depend on the sector of operations. For instance, a member of the Police Force is a public officer, whereas a soldier in the Armed Forces of Malta is not. Similarly, a teacher in a state*

*school is a public officer, whereas a lecturer at MCAST or the University of Malta is not.*[5]

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li l-AFM Warrant Officer 2 Sandro Mallia u li l - AFM Gunner Shemison Borg huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Illi fil-jum tal-akkadut jirrizulta bic-car li l-akkuzat li hu wkoll huwa ufficcjal pubbliku jirrizulta li l-kwerelanti qua ufficcjali pubblici kienu qed jaqdu xoghlhom fuq il-bahar bhala parti mill-maritime Squad. Dawn raw target fuq il-bahar minghajr ma kellu n-navigation lights mixghula u avvicinawh u xeghlu s-search light ghal fuqu biex jattirawlu l-attenzjoni tieghu ghal dan in-nuqqas. L-akkuzat appellant minflok ma rrikonoxxa li kien zbalja ghaliex kien jaf li kellu isuq bin-navigation lights mixghula molto piu meta tqis li hu ukoll huwa parti mill-Maritime Squad infexx jidghi u jghajjat mal-kwerelanti u heddidhom li kien ser jirraporthom lis-superjuri taghhom lis-CO is-sur Scicluna. Ma hemmx dubbju li l-intenzjoni tal-akkuzat kien qieghed u cioe li jheddded u jintimida lill-kwerelanti sabiex ma jkomplux bl-agir taghhom u cioe li jixghelu s-searchlight biex jikkoreguh. Huwa minnu u kif stqarret l-ewwel Qorti li kull cittadin jista jirraporta membru tal-Armata jekk ikun qed jizbalja izda f'dan il-kaz dak li kienu qed jghamlu l-kwerelanti kien in regola u ghalhekk dak li qallhom l-appellant bla dubju ta' xejn jammonta ghal theddida fit-termini tal-ligi u ghalhekk l-ewwel akkuza tirrizulta prova bla dubju ta' xejn.

Dwar it-tieni akkuza u cioe li l-akkuzat bhala ufficcjal pubbliku ghamel reat li kellu d-dmir li jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi tirrizulta ukoll ben provata. Kien l-akkuzat stess li qal li huwa

[5] The Public Service and the Public Sector (gov.mt)

jahdem fl-Armati ta' Malta bhala suldat u ghalhekk stante li l-ewwel akkuza tirrizulta provata t-tieni wahda tirrizulta ukoll stante l-impieg ta' l-istess akkuzat appellant.

Illi kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti l-ewwel akkuzat iggorr piena ta' multa minn €800 sa massimu ta' €5,000 u ghal piena stabbilita ghat-theddida mizjuda xi zewg gradi. Ir-reat li gie kommess mill-akkzuat ukoll jizdied b'zewg gradi state l-impieg tieghu. Illi cio nonotante l-ewwel Qorti ghar-ragunijiet taghha dehrilha li kellha titratta lill-akkuzat b'sentenza ta' liberta kundizzjonata fil-massimu taz-zmien koncess mill-ligi u ghalhekk illiberatu bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi stante li ma hawnx appell mill-Avukat Generali dwar il-piena din il-Qorti hija prekluza milli tbiddel il-piena imposta mill-ewwel Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fil-mertu kif ukoll fir-rigward il-piena moghtija.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur